# Qawmien mill-ġdid wara l-qerda tal-gwerra: ir-Rikorsi tal-Kapitlu Senglean għar-Rikostruzzjoni tal-Bażilika ta' Marija Bambina

(It-tieni parti: 1949-1952)

Kan. Dr Jonathan Farrugia S.Th.D. (Romae)

Is-sena l-oħra tajna daqqa t'għajn lejn it-talbiet u x-xogħlijiet li saru fl-ewwel ħames snin wara li ntemmet il-gwerra; grazzi għat-tħabrik tal-Kapitlu Senglean. Din is-sena se nkomplu nagħtu ħarsa lejn il-bqija tar-rikorsi li saru fil-ftit snin ta' wara sakemm ħafna mix-xogħol ta' ristrutturar kien lest u bdiet tinbena l-faċċata minn barra u anke bdiet tingħata attenzjoni għar-restawr ta' xi oġġetti tal-arti.

6 TA' APRIL 1949: Aktar dettalji fuq il-binja preżenti u fuq dik ta' qabel li nqerdet bil-gwerra joħorġu f'dan ir-rikors li jirrigwarda **l-bini tas-saqaf tal-bażilika**. Jidher li sa din id-data l-bini kien mexa ġmielu u dalwaqt kellu jibda l-bini tas-saqaf. Il-Prokuratur Abela jibda biex jispejga li s-saqaf tal-bażilika l-antika ma kienx uniformi għax is-saqaf tal-kor kien mibni fuq l-arkuni waqt li s-saqaf tal-kursija u tal-kappelluni kien bil-kassettuni.

Ikompli jgħid li l-kassettuni ma kinux kollha ndaqs minħabba żball li kien sar fil-bidu tal-bini tal-knisja l-antika u b'hekk kienu jdejqu lil kull min kien iħares lejhom, sew lil min kien jifhem u sew lil min ma kienx. Huwa jilmenta li jekk is-saqaf jerġa' jinbena kif kien dawn id-difetti ma setgħux jiġu eliminati peress li nofs il-pilastri kienu għadhom weqfin u ġew inkorporati fil-binja l-ġdida. Għaldaqstant jitlob li s-saqaf kollu jiġi mibni bl-arkuni u mhux bil-kassettuni, skont il-parir tal-perit li kien qed jieħu ħsieb il-bini, sabiex id-difetti jinħbew u tingħata uniformità lis-saqaf kollu.

It-talba tidher li ma kinetx se tintlaqa' minħabba li f'nota ddatata fit-8 ta' April Dun Ġużepp Borg, bħala segretarju tal-*Giunta per la tutela delle antichità ecclesiastiche*, jikteb illi ma kinux tal-parir li s-saqaf jinbidel. Ir-raġuni li jagħti hu li t-twieqi fl-arkuni huma karatterstiċi tal-knejjes barokki, iżda l-knisja tal-Isla kienet ta' arkitettuta pre-barokka, għaldaqstant saqaf bil-kassettuni (anke jekk ma jsegwix id-disinn tal-knisja l-antika) kien aktar adattat għall-istil tagħha.



*Il-bini tas-saqaf tal-Kor tal-Bażilika f'April 1950.*

Jidher li l-kapitlu m'għoġbitux din ir-risposta u x-xogħol twaqqaf għal xi ġimgħat sakemm l-istess Borg mar l-Isla jara l-affarijiet b'għajnejh. Għalhekk insibu nota oħra taħt din l-imsemmija, iddatata 17 ta' Ġunju fejn jgħid li wara li osserva li mill-binja l-oriġinali kien fadal ftit, u minħabba li tul is-snin saru ħafna aġġunti li mhux dejjem kienu għażliet tajba, hu jikkonkludi li l-kumpless arkitettoniku preżenti ma jitlobx osservanza riġida tal-kriterji stilistiċi u għalhekk jagħti l-permess biex is-saqaf jinbena kif mitlub mill-kapitlu.[1]

22 TA' APRIL 1949: Rikors interessanti ieħor huwa dak li l-Prokuratur Abela jagħmel biex jieħu somma żgħira mill-flus li l-bażilika daħħlet mill-*War damage commission* biex minnhom jinxtara **rigal għall-kapitlu ta' Birkirkara** bħala ringrazzjament talli tul is-snin tal-gwerra dan ġentilment aċċetta li jżomm l-apparat liturġiku u dekorattiv tal-bażilika. Abela jispeċifika li l-biċċa l-kbira tal-apparat u tat-tiżjin tal-bażilika meqruda kien ġie salvat proprju għax kollox inżamm Birkirkara: "*quasi tutti gli arredi e paramenti sacri.... vennero salvat durante l'ultima guerra per opera del Rev.mo Capitolo di Birchircara che gentilmente si offrì di conservare tali oggetti nella propria chiesa*".



*Il-plattin tal-fidda mogħti b'ringrazzjament mill-Kapitlu tal-Isla lill-Kolleġġjata ta' Birkirkara.*

Abela għandu biss kliem ta' tifħir għall-kapitlu Karkariż għal dan il-ġest tant nobbli u għalhekk jitlob li jintużaw madwar £30 mill-£4864, 17-il xelin u 6 soldi li l-Bażilika tal-Isla daħħlet mill-*War damage commission* bħala kumpens għal dak li tilfet, u bihom jinxtara xi oġġett tal-fidda bħala turija ta' apprezzament għall-pjaċir kbir li għamlulhom. Taħt nett hemm nota li l-Arċipriet tal-Isla japprova u għalhekk il-permess ħareġ fid-29 ta' April.[2]

2 TA' MEJJU 1949: Talba kurjuża li jagħmel il-Kanonku Abela bħala Prokuratur tal-bażilika tirrigwarda xi **xogħol ta' tiswija li kellu jsir fil-proprjetà Nru 18 fi Strada Vittoria**. Abela jispjega li lejn tmiem is-seklu dsatax il-knisja tal-Isla kellha diversi djun u kawża ta' hekk fit-8 ta' Frar 1898 l-isqof tad-djoċesi ordna li parti mid-dħul mill-kiri ta' proprjetà tal-knisja kellu jkun amministrat minn prokuratur ieħor sabiex dħul speċifiku jmur kollu biex jitħallsu dawn id-djun li kien jammontaw għal madwar £5000. Il-Kanonku Abela jkompli li fil-bidu tal-gwerra dan il-prokuratur l-ieħor irtira minn din il-kariga u tul il-gwerra l-bini li kien idaħħal dawn il-flus biex jitħallsu d-djun ġew kollha mġarrfa jew inkella saritilhom ħafna ħsara. L-obbligu li dawn jitranġaw waqa' f'idejn il-Prokuratur Abela nniffsu u dan bla telf ta' wisq żmien ħaseb biex dawn il-proprjetajiet jerġgħu jinbnew u mill-1947 reġgħu bdew irendu flus daqskemm kienu jrendu fl-1939. Sakemm sar dan ir-rikors id-dejn kien tnaqqas b'£4000.

Ġara iżda li l-binja maġenb id-dar Nru 18 fi Strada Vittoria, li ma kinetx tal-knisja, kienet għadha mġarrfa u minħabba tempesta li seħħet fit-3 ta' Frar 1949 parti minn dak li kien baqa' ċediet u għamlet ħsarat ġodda fid-dar Nru 18, bil-konsegwenza li kien hemm xi kmamar li ma setgħux jintużaw u kien hemm spiża ta' madwar £80 biex dawn jitranġaw. Abela jispjega kif hu jifhem li l-kaġun kienet it-tempesta, imma

jistqarr ukoll illi kieku ma kinetx il-gwerra id-dar ta' maġenb in-Nru 18 ma kinetx taqa', għalhekk jitlob dawn it-£80 lill-*War damage commission,* li però baqgħu ma tawhx risposta! Peress li l-persuni li kienu qed jgħixu f'Nru 18 kienu xebgħu jistennew, Abela jitlob lill-isqof biex juża parti mill-flus maħsuba biex jitħallas id-dejn li kien fadal biex bihom titħallas it-tiswija neċessarja, bil-kundizzjoni li jpoġġi l-ammont lura jekk il-*War damage commission* tħallsu. L-isqof ma sabx problema u tah il-permess juża dawn il-flus fit-2 ta' Ġunju.[3]

**13 TA' MARZU 1950:** Apprti l-bini tal-knisja l-kapitlu kellu jieħu ħsieb ukoll it-tiswija u l-manutenzjoni tal-bqija tal-proprjetà li kellu. Fost ir-regolamenti l-ġodda li ħarġu mill-gvern wara l-gwerra kien hemm uħud li jikkonċernaw anke l-indafa pubblika u s-saħħa taċ-ċivili. Minħabba f'hekk il-kapitlu kellu **jibdel l-ispralli kollha tad-djar li kellu fi Triq San Lawrenz,** probabilment biex ma jkunux ta' periklu għal min ikun miexi u anke biex ikun hemm ventilazzjoni tajba fil-kantini. Din it-tiswija kellha tiswa £15 u għalhekk il-prokuratur tal-bażilika jitlob biex jintuża dan l-ammont mill-fondi tal-knisja għal dan il-għan.[4]

**16 TA' AWWISSU 1950:** Aktar dettalji dwar id-djun tal-bażilka (li ġa ssemmew fir-rikors dwar it-tiswija tad-dar Nru 18 fi Strada Vittorja), jinsabu f'dan ir-rikors. Il-Prokuratur Abela jistqarr li meta beda l-kariga tiegħu fl-1924 il-bażilika kellha dejn ta' £4400, u li hu ħa ħsieb li jnaqqas kemm jista' l-infiq li jħallas minn dan id-dejn, li preżentament kien niżel għal £1708, 12-il xelin u 8 soldi. F'dan ir-rikors huwa jfakkar li f'Awwissu tal-1947 il-*War damage commission* kienet tat lill-bażilika s-somma ta' £4864 17-il xelin u 6 soldi bħala kumpens għal dak li ntilef fil-ġlied u li din is-somma kienet ġiet depożitata fil-bank tal-knisja. Sal-31 ta' Diċembru 1949 din kienet telgħet għal £5100 17-il xelin u 6 soldi grazzi għall-interessi.

Għaldaqstant jitlob li minn din is-somma **jinqatgħu d-djun kollha li kien fadlilha tħallas il-bażilika.** Barra minn hekk ifakkar li mill-1947 sal-1949 il-bażilka kellha tħallas £51 żejda f'interessi fuq id-dejn, u li għalhekk, ladarba dan jitħallas, l-interessi ta' £34 fis-sena fuq is-somma ta' £1708 li kien jagħti l-bank tal-knisja seta' jitgawda mill-bażilika flok jitlef parti minnu fl-interessi fuq id-dejn. Ġew kontrollati



*Il-bini mill-ġdid tal-faċċata tal-Bażilika f'Settembru 1952.*

l-kontijiet tal-bażilika fil-bank tal-knisja u l-permess biex isir dan il-ħlas ħareġ fit-30 ta' Awwissu 1950.[5]

24 TA' JANNAR 1951: Kien wasal iż-żmien li tibda **tinbena l-faċċata tal-bażilika** u f'dan ir-rikors il-Prokuratur Abela jispjega li minkejja li l-faċċata oriġinali ma kinetx waqgħet mal-bqija tal-knisja, kienet saritilha ħafna ħsara u tilfet l-istabilità minħabba l-isplużjonijiet tal-bombi li waqgħu fuq u madwar il-knisja, tant li kellha tinħatt kollha. Flimkien ma' dan ir-rikors Abela bagħat żewġ disinji (A u B) tal-periti għall-faċċata l-ġdida, aktar sabiħa u artistika, flimkien ma' abbozz ieħor, li però kellu jiġi perfezzjonat fil-qisien f'każ li jintagħżel hu.

Fis-26 ta' Jannar ir-rikors u l-abbozzi għaddew lill-kummissjoni tal-arti, li ltaqgħet biex tiddiskuti l-proġett fl-14 ta' Frar. Ir-risposta kienet waħda iebsa: "wara li eżaminajna l-proġetti A u B bqajna milqutin ħafna bil-faqar fil-kunċett tad-disinji mibgħuta, apparti l-fatt li dawn neqsin minn dik id-dinjità arkitettonika li tixraq lil santwarju monumentali u storiku f'ċentru ċiviku daqshekk importanti. Barra minn hekk il-kummissjoni ma kkunsidratx l-abbozzi li ntbagħtu minħabba li jidher ċar li dawn ġew ikkuppjati minn fuq opri artistiċi ferm magħrufa."[6] Il-permess għalhekk ma ngħatax u kellhom jintbagħtu disnji oħra.

14 TA' MARZU 1951: Xaharejn wara Abela għamel rikors ieħor li fih ippreżenta **disinn ġdid għall-faċċata esterna tal-bażilika**. Dan għadda f'idejn il-kummissjoni dakinhar stess, u din iltaqgħet fit-13 ta' April; din id-darba l-proġett ġie milqugħ bil-kundizzjoni li tkun infurmata bid-dettalji waqt li jkun għaddej ix-xogħol. Il-kapitlu ngħata l-permess li jibda x-xogħol dakinhar stess.[7]

16 TA' JANNAR 1952: Wara li tlestiet il-faċċata esterna kellu jibda x-xogħol ta' dekorazzjoni fil-parti interna; u naturalment l-aktar ħaġa neċessarja u monumentali li nsibu mal-faċċata minn ġewwa hija **l-gallarija tal-orgni**. F'dan ir-rikors il-Prokuratur Abela jitlob lill-isqof biex jibgħat lil xi ħadd mill-kummissjoni tal-arti biex jeżamina l-abbozz għal din il-gallarija, liema abbozz kien jinsab fil-knisja u kien kbir wisq biex jittieħed il-kurja. Dakinhar stess ġiet infurmata l-kummissjoni, li bagħtet rappreżentant tagħha l-Isla fit-12 ta' Frar 1952. Min-nota li nsibu annessa mar-rikors jidher li l-kummissjoni kellmet lid-disinjatur u ordnatlu jagħmel xi modifiki u nhar l-20 ta' Frar tat il-permess biex ix-xogħol isir, dment li l-istruzzjonijiet jiġu obduti.[8]



*Il-bini tal-gallarija tal-orgni fl-1953.*

28 TA' JANNAR 1952: Kien issa wasal iż-żmien li jibdew jinxtraw l-oġġetti li kienu ntilfu bil-gwerra u hawn inqala' xi naqra konflitt. Meta saru l-kontijiet ta' x'kienet tilfet il-bażilika u x'kienu tilfu l-kappelli laterali s-somma t-totali kienet ta' £6127 u 10 xelini, iżda l-*War damage commission* lill-Isla tatha biss £4863, 17-il xelin u 6 soldi. Il-Prokuratur Abela

sab ruħu f'diffikultà kif se jaqsam din is-somma ridotta bejn il-bażilika u l-kappelli minħabba li la ngħata raġuni għalfejn ħa inqas milli talab u lanqas kien hemm speċifikat liema oġġetti kienu qed jiġu kumpensati u liema le.

Ikompli biex jgħid li ħafna mill-affarijiet li tilfu l-kappelli ma kinux indispensabbli peress li kienu fil-parti l-kbira gandlieri, vażuni, fjuri artifiċjali, twapet u affarijiet simili; l-affarijiet li tilfet il-bażilika, mill-banda l-oħra, kienu aktar importanti għax kienu bżonjużi fil-funżjonijiet u fl-amministrazzjoni tas-sagramenti. Fost dawn l-oġġetti hu jsemmi l-arloġġ pubbliku (tal-kampnar), l-orgni, il-konfessjonarji u l-pulptu.[9] Il-prokuratur ifakkar li dak kollu li ġie salvat mill-oġġetti tal-kappelli sar grazzi għall-flus[10] tal-*veneranda lampade* li ħallset biex l-affarjiet jiġu trasportati f'lokalitajiet 'il bogħod mill-Isla fejn baqgħu merfugħa għal diversi snin, u għalhekk jipproponi lill-isqof biex jordna li **l-flus li daħlu mill-*War damage commission* imorru kollha għax-xiri tal-oġġetti fil-bażilika**, li mbagħad ikunu jistgħu jiġu użati waqt il-funzjonijiet kapitulari, parrokkjali kif ukoll mill-kappelli. L-isqof fehem il-bżonn u ta l-permess għal dak li talab Abela fl-1 ta' Frar.[11]

**1 TA' OTTUBRU 1952:** Wara li tlestiet il-faċċata tal-knisja u beda jsir ix-xogħol minn ġewwa, kien imiss li tkompli l-kostruzzjoni minn barra. F'dan ir-rikors il-perit A. Grima jibgħat lill-kummissjoni tal-arti d-**disinn tal-faċċata tal-oratorju tal-Purifikazzjoni tal-Madonna** li nbena jmiss mal-bażilika bħalma kien dak ta' qablu. Fit-8 ta' Ottubru l-kummissjoni studjat id-disinn u kkonkludiet li d-disinn kellu jiġi ri-elaborat minħabba li ma kellu jkun subordinat għall-faċċata tal-bażilika li kienet ġa lesta. Milli nistgħu nifhmu l-istil tad-disinn ma kienx jaqbel mal-bqija tal-binja. Il-Kurja għalhekk tordna li jsir skont kif ġie indikat.[12]



*Il-kwadru tal-Annunzjata ta' Francesco Zahra, f'postu fil-Kor, ftit qabel ma twarrab wara l-ewwel attakki tal-gwerra.*

**10 TA' NOVEMBRU 1952:** Abela jibgħat jinforma l-kurja li ż-żewġ kwadri laterali li kienu jinsabu fil-kor tal-bażilika kienu jeħtieġu xogħol serju ta tiswija. Dawn jirrappreżentaw il-preżentazzjoni tal-Madonna u t-tħabbira lil Marija u kienu sofrew il-ħsara tul l-aħħar gwerra. Hu kien kellem lil Carmelo Bonello biex ix-xogħol jagħmlu hu u kienu qablu li l-ħlas ikun ta' £40, u għaldaqstant jitlob il-permess biex jiġbed dak l-ammont mill-flus tal-*veneranda lampade*. Il-permess biex jieħu l-flus għal dan il-għan ingħatalu fit-2 ta' Marzu 1953.[13]

Għeluq

B'dan l-aħħar rikors spiċċajna l-ħarsa tagħna lejn dawn id-dokumenti li huma xhieda tal-ħidma li saret u l-ispejjeż li kellu jagħmel il-Kapitlu tal-belt li ma ntrebħitx wara l-qerda li għaddiet minnha bejn l-1940 u l-1943. Jalla l-imħabba li wrew missirijietna lejn din il-belt tibqa' dejjem ħajja fost is-Sengleani u kull min jaħdem fosthom

---

1 AAM, Suppliche 309 (1949/II), f. 334.

2 AAM, Suppliche 308 (1949/I), f. 226.

3 AAM, Suppliche 309 (1949/II), f. 230.

4 AAM, Suppliche 311 (1950/I), f. 147.

5 AAM, Suppliche 312 (1950/II), f. 450.

6 AAM, Suppliche 314 (1951/I), f. 71.

7 AAM, Suppliche 314 (1951/I), f. 183.

8 AAM, Suppliche 317 (1952/I), f. 26.

9 Dan jista' jkun li kien żball għax il-pulptu ma kienx inqered bil-gwerra.

10 Hu jgħid li s-somma li ntefqet għat-trasport kienet 'il fuq minn £150.

11 AAM, Suppliche 317 (1952/I), f. 60.

12 AAM, Suppliche 320 (1952/IV), f. 493.

13 AAM, Suppliche 321 (1953/I), f. 128.